MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
JOSETTE DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 73/2012

**Pauline Sultana u Anton sive Tonio Schembri f'isimhom proprju u f'isem binthom minuri Diane Schembri maghrufa bhala Sarah Diane Schembri**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

(1) Illi l-Att tat-Twelid ta' bint il-minuri ta' l-esponenti Anton Schembri u Pauline Sultana bin-numru disgha u tmenin (89) tas-sena elfejn u tnax (2012) huwa skorrett billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna ntestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija

ghandha tigi msejha", l-isem hemm indikat bhala "Diane" huwa skorrett u minflok ghandu jkun "Sarah Diane" .

(2) Illi l-minuri twieldet fit-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u giet registrata mill-esponenti Tonio Schembri ftit jiem wara, fi zmien meta l-omm kienet ghadha rikoverata l-isptar u kienet ghadha mhix f'pozizzjoni li tikkomunika ma' zewgha u tiddiskuti mieghu l-isem li kellu jinghata.

(3) Illi in fatti, meta gie registrat it-twelid ta' din it-tarbija, l-omm kienet ghadha rikoverata l-isptar t'Ghawdex.

(4) Illi meta l-omm irkuprat lura sahhitha, ftit jiem wara, hija flimkien ma' zewgha bdew isejhu lil binthom Sarah Diane.

(5) Illi l-familjari u l-hbieb ta' l-istess konjugi esponenti lkoll jafu lill- minuri bl-isem ta' Sarah Diane.

(6) Illi in oltre, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie ordnat sabiex jikkoregi l-istess certifikat tat-twelid fuq imsemmi billi fil-parti relattiva ghat-'Taghrif Dwar it-Tarbija' fil-kolonna intestata 'Ismijiet Moghtija', l-isem hemm indikat bhala 'Diane' jigi sostitwit bl-isem 'Sarah Diane'.

(7) Illi prezenzjalment, hemm kunflitt u kontradittorjeta' fl-istess certifikat tat-twelid peress li f'kolonna minnhom, l-isem tal-minuri gie korrett ghal 'Sarah Diane' mentri f'kolonna ohra ser jibqa' jidher bhala 'Diane'.

(8) Illi ghalhekk, kellha ssir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi ordnat jaffettwa d-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid billi l-isem jinbidel minn 'Diane' ghal 'Sarah Diane' u dana fil-kolonna ntestata 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'.

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija huwa jikkoregi c-certifikat tat-twelid fuq imsemmi minnu mahrug, fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-“Taghrif dwar it-Tarbija” fil-kolonna ntestata ‘Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’ l-isem hemm indikat bhala “Diane” jigi sostitwit bl-isem “Sarah Diane”.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponenti mhux qieghed jopponi ruhu ghat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi nonostanti l-esponenti m’ghandux ibati l-ispejjez tal-istanti.

Bl-ispejjez.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat li fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2012 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

It-talba tar-rikorrenti tirrizulta fondata kemm minn dak premess u in vista wkoll li m’hemm l-ebda opposizzjoni ghat-talba mressqa

Tqis ukoll pero’ li ma jidhirx li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa mputabbli lill-konvenut b’xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ t-talbiet attrici u dan billi :

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi c-certifikat tat-twelid bin-numru disgha u tmenin (89) tas-sena elfejn u tnax (2012) fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-“Taghrif dwar it-Tarbija” fil-kolonna ntestata ‘Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’ l-isem hemm indikat bhala “Diane” jigi sostitwit bl-isem “Sarah Diane”.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------